28 ta' Ġunju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Joseph Cefai *versus* Carmelo Petroni et. ne.

## Bejgħ — Vizzji Okkulti — Garanzija — Refriġeratur — Art. 1474 u 1476 tal-Kodiċi Ċivili

*Il-bejjiegħ hu obligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa, li jagħmluha mhix tajba għall-użu li għalieħ hija maħsuba, jew li jnaqqsu talment il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha, jew kien joffri prezz iżgħar, kieku kien jaf bihom: u f'dawn il-każijiet il-kumpratur jista' jagħżel, billi jiġi l-quddiem bl-azzjoni redibitorja biex jitlob ir-radd tal-prezz u jagħti lura l-ħaġa, jew bl-azzjoni estimatorja biex iżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-parti tal-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti. Liema garanzija hija applikabbli anki fil-każ li l-bejjiegħ ma kienx jaf b'dawk id-difetti.*

*Jekk fil-mument li fiħ opera ruħu t-trasferiment tar-riskju tal-ħaġa, din kienet vizzjata jew difettuża b'mod li x-xerrej ma kienx jixtriha kieku kien jaf b'dawk id-difetti, jew kien joffri prezz iżgħar, ma hix aċċettabbli l-pretensjoni tal-venditur fis-sens illi, jekk il-vizzju jew difett jistgħu jiġu rimossi, ix-xerrej ma jistgħax jitlob ir-riżoluzzjoni tal-*

*bejgħ meta l-venditur ikun **dispost jirrimpjazza l-ħaġa b'oħra tajba.** Id-dritt tal-kumpratur li jeżiġi, u l-obligu tal-venditur li jipprovdi għar-riparazzjonijiet okkorrenti, jistgħu joħorġu biss minn klawsoli apposti fil-kuntratt, jew minn użi speċjali.*

*Il-partijiet jistgħu jimmodifikaw din il-garanzija legali; huma jistgħu jeskludu kull xorta ta' garanzija, kif ukoll jistgħu jillimitaw il-garanzija għal dak biss li jkunu jridu. Imma biex ikun hemm mitigazzjoni tal-garanzija legali, jeħtieġ li jkun hemm ftehim ċar li juri dik il-limitazzjoni li biha jkunu kuntenti ż-żewġ partijiet. Il-fatt li fuq l-iskrittura tal-ftehim ikunu mniżżlin ċerti patti ta' garanzija mhux biżżejjed, waħdu, biex jeskludi l-garanzija aktar ampja li tagħti l-liġi; għax jeħtieġ li ċ-ċirkustanzi tal-każ ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija għal dak biss li jkun espress fid-dokument b'esklużjoni tal-garanzija legali, jew inkella l-kondizzjonijiet f'dak id-dokument ikunu inkonċiljabbli mal-garanzija legali — kwistjoni din ta' fatti u apprezzament ta' provi, li għandha taraħ il-Qorti.*

*B'mod li jekk ebda ftehim ma sar bejn il-partijiet li l-garanzija kellha tkun limitata għal dak li hemm miktub fid-dokument, jew ma jirriżultax li l-partijiet riedu jeskludu l-garanzija legali, din tibqa' operativa; u bis-saħħa tagħha x-xerrej mhux tenut iżomm ħaġa msewwija, lanqas jekk bis-sostituzzjoni tal-partijiet difettużi fil-ħaġa din tiġi perfetta.*

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji fil-każ preżenti, il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur għar-riżoluzzjoni ta' bejgħ ta' refriġeratur.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi huwa xtara minn għand id-ditta konvenuta "refrigerator" ta' ħames "cubic feet" tal-marka "Basile", bil-prezz ta' £88; minn liema prezz huwa ħallas £26 mal-konsenja, u l-bilanċ kellu jħallsu fi żmien għaxar xhur; u li din ir-"refrigerator" ma tiffunzjonax, u mhix tajba u adatta għall-użu li għalieħ inxtrat u li għalieh hi destinata; u li l-konvenuti ggarantew espressament u konvenzjonalment il-funzjonament tajjeb u

regolari tal-istess "refrigerator" għal żmien sena, u taw garanziji oħrajn, kif jidher mid-dokument "B", prodott mal-att taċ-ċitazzjoni; u li għar-raġunjiet fuq indikati l-konvenuti naqsu mill-garanziji li taw u mill-obligi li huma assumew skond il-ftehim indikat; u li huwa ma jridx iżomm l-istess "refriġerator", li ma tiffunzjonax tajjeb u mhux tajba għall-użu; u għalhekk, wara li nterpella inutilment lid-ditta konvenuta biex tirtira l-istess "refrigerator" u li tħallas l-istess somma ta' £26, iddepożitaħ taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti b'ċedola tat-12 ta' Settembru 1955; talab li l-bejgħ tal-imsemmija "refrigerator" jiġi dikjarat xjolt u riż lura għar-raġunijiet premessi u minħabba l-inadempjenza tal-konvenuti; u konsegwentement il-konvenuti jiġu kundannati jirtiraw, fi żmien qasir u perentorju, l-istess "refrigerator" u jħallsu lura lilu s-somma ta' £26 fuq riferita. Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk taċ-ċedola ta' depożitu fuq imsemmija;

Rat in-nota tal-eċċezjonijiet tal-konvenuti nomine, li ssottomettew illi l-istanza hija infondata, għaliex ir-"refrigerator" tiffunzjona tajjeb, u hija perfettament idonea għall-użu li għalieħ hija destinata;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-15 ta' Marzu 1957, li biha ġew respinti l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iddeċediet adeżivament għall-istanza, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u pprefiġġiet lill-konvenuti, għall-finijiet tat-talba, tmien tijiem żmien minn dak inhar biex jirtiraw ir-"refrigerator" fuq indikata; billi kkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mid-dokument fil-fol. 6 tal-proċess, id-ditta konvenuta biegħet lill-attur ir-"refrigerator" fuq imsemmija fuq is-sistema tal-"hire purchase" bil-prezz ta' £86, oltre £2 għall-interessi u spejjeż; liema prezz kellu jitħallas, kwantu għal £26 bħala depożitu akkont, u l-bilanċ fi żmien għaxar xhur; u kif jirriżulta mid-dokument fil-fol.

5 tal-proċess, l-istess ditta konvenuta tat lill-attur garanzija *fis-sens infraskritt:*—

"Pendant la lre. année — Reparation ou échange de toutes pièces reconnues défecteuses, a itre gratuit. Les resistances et les ampoules electrique sont exclues de cette garantie";

"De la 2e a la 5e annèe — Garantie limitée a l'échange standard de l'agregat ou compressueur moyen-*nant* le paiement d'una prime d-échange conforme aux barèmes officiels en vigueur à la date de l'échange";

"Le frais de main-d'ouvre, emballage et transport seront à la charge exclusive du client. La garantie ne joue que dans li ces de vice de construction. Elle ne s'applique en aucun cas aux reparations provenant d'une usure normale resultant de negligences ou d'utilisation defecteuse";

*Illi, kif jirriżulta mill-perizja,* l-istess "*refrigerator*" hu affett minn viżżju okkult, pre-eżistenti għall-bejgħ, u gravi, għaliex ma jiffunzjonax regolarment, jiġifieri ma jkessaħx — viżżju li kwindi jirrendieħ mhux att għall-użu li għalieħ inxtara u li għalieħ hu destinat;

Illi, in ordni għal vizzju simili, il-venditur hu obligat jagħmel tajjeb; u difatti, fl-art. 1474 tal-Kodiċi Ċivili jingħad:— "Il-bejjiegħ hu obligat jagħmel tajjeb għad-difetti *li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa, li* jagħmluha mhix tajba għall-użu li għalieħ hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha, jew kien joffri prezz iżgħar, kieku kien jaf bihom; u f'dawn il-każijiet il-kumpratur jista' jagħżel, billi jiġi l-quddiem bl-azzjoni redibitorja — dak li l-attur għażel fil-każ preżenti — li jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti";

Illi, però, il-konvenuti jippretendu illi, billi ġie pruvat li r-"refrigerator" ma tkessaħx minħabba konġenju difettuż li, jekk jiġi sostitwit b'ieħor, jirrendiha tajba, l-attur, in vista tal-garanzija pattwita, ma jistgħax jiġi l-quddiem bl-azzjoni odjerna jekk huma, il-konvenuti, huma lesti, kif id-dikjaraw li huma, jirrimpjazzaw dak il-konġenju b'ieħor tajjeb. Din hija l-pretensjoni prinċipali tal-konvenuti, għaliex minn naħħa tagħhom (fol. 65) jidher illi huma jippretendu wkoll illi, meta d-difett hu rimedjabbli, ma tistgħax tiġi eżerċitata l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-vendita nax-xenti mill-garanzija "di diritto" għall-vizzji jew difetti redibitorji;

Illi, dwar it-tieni pretensjoni, l-istess ma tistgħax tiġi ritenuta korretta, fid-dawl tad-dottrina u l-ġurisprudenza, tant lokali kemm estera, bażata fuq dispożizzjonijiet bħal dawk tal-liġi tagħna in materja, bħal ma hija l-ġurisprudenza taljana. U difatti, jekk fil-mument li fih opera ruħu t-trasferiment tar-riskju l-ħaġa kienet vizzjata jew difettuża b'mod li l-kumpratur ma kienx jixtriha, jew kien joffri prezz minuri, ma jiswa xejn il-fatt illi l-vizzju jew difett ta' dik il-ħaġa jistgħu jiġu riparati u rimossi;

Jikteb, difatti, Tartufari:— "La gravita' dei vizi o difetti non deve confondersi con la lor irreparabilità; o, in altre parole, se essi debbono essere gravi, non così è richiesto che siano anche perpetui e che più non vi abbia alcuna possibilità di ripararli o rimuoverli. Ciò che importa è esclusivamente lo stato e la condizione della cosa al momento che noi vedremo doversi considerare" — dak fuq riferit — "e se in quel momento la cosa stessa era viziata o difettosa, per modo che il compratore non l'avrebbe comprata o ne avrebbe offerto un prezzo minore, a nulla giova che i suoi vizi o difetti possano poi essere, in più o men lungo tempo, e con maggiore o minore spesa, riparati e rimossi. Tutt'al più, il compratore potrebbe pretendere di derivarne il diritto ad esigere che il venditore provvedesse del proprio alle occorrenti riparazioni; ma questo non è,

come vedremo, da annoverarsi tra gli ordinari e naturali effetti della garanzia" (Bolaffio e Vivante, Il Codice di Commercio Commentato, Vol. III, paġ. 389-390);

U aktar il-quddiem — fol. 406-407 — l-istess ġurista:— "Dato che i vizi o difetti della cosa siano tali da poter essere riparati o rimossi, non potrà egli pretendere che il venditore provveda appunto alle occorrenti riparazioni, per modo che, se quegli si rifiuti, il compratore medesimo abbia il diritto di farvelo eseguire egli stesso a spese di lui? Fra gli scrittori havvi chi lo afferma, sostenendo non essere questa che una applicazione dei principi generali della garanzia. La legge, si dice, determina in quali casi il venditore è garante dei vizi occulti della cosa venduta, e dà al compratore due azioni, l'azione redibitoria e quella di riduzione del prezzo; ma oltre a questo, e per ciò solo che è tenuto alla garanzia, il venditore ha l'obbligo di procurare al compratore il pieno godimento della cosa vendutagli; e se a tal uopo bastino delle semplici riparazioni, egli è tenuto a eseguirle. E a ciò potrebbe anche aggiungersi essere un principio generale di diritto che nei contratti bilaterali, dato che una delle parti manchi alle sue obbligazioni, possa l'altra, a sua scelta, o chiedere la risoluzione del contratto, o pretenderne, ove sia possibile, l'esatto adempimento. Ma codeste azioni, per quanto certamente gravi, non sono punto decisivo. E in contrario giustamente si osserva che la legge ha chiaramente determinato quali siano gli effetti della garanzia che noi qui consideriamo, effetti che appunto si compendiano nell'alternativo esercizio dell' azione redibitoria o della "quanti minoris"; nè al compratore possono spettare altri diritti, nè al venditore incombere altri obblighi, all'infuori di quelli che a tali azioni corrispondano";

Id-dritt tal-kumpratur li jeżiġi, u l-obligu tal-venditur li jipprovdi, għar-riparazzjonijiet okkorrenti jista' joħroġ biss minn klawsoli apposti fil-kuntratt, jew minn użi speċjali; u ta' dan il-parir huwa wkoll Vivante, li fit-Trattato

di Diritto Commerciale tiegħu, (Vol. IV, paġ. 184, 1665), jikteb hekk dwar il-materja:— "Fuori di quel diritto di scelta fra la riduzione del prezzo e la risoluzione del contratto, il Codice Civile (is-sistema tal-Kodiċi Ċivili fuq l-azzjoni redibitorja jiswa wkoll għall-venditi kummerċjali — paġ. 174, 1656) "non concede altro rimedio al compratore; per cui non può ritenere la cosa e costringere il venditore a ripararla o a cambiare la parte viziata. Il diritto che generalmente spetta al compratore di chiedere la risoluzione o l'adempimento del contratto resta, nel caso dei vizi redibitori, modificato nel senso ch'egli possa chiedere la risoluzione o il mantenimento del contratto così come fu eseguito, salva una riduzione del prezzo. Ma la consuetudine commerciale, ispirata in questo caso al concetto più rigoroso della legge contrattuale, acconsente talvolta al compratore il diritto di esigere la esecuzione supplementare del contratto, e quella consuetudine forma legge";

Illi l-ġurisprudenza tat-tribunali taljani, ċitata mill-konvenuti biex isostnu l-kuntrarju, jiġifieri illi, meta d-difett hu rimedjabbli, ma tistgħax tiġi eżerċitata l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ (fol. 65), ma tiswiex; għaliex f'dawk issentenzi l-Qorti ma kienetx qegħedha tintendi tgħid dan, imma kienet qegħedha tiddistingwi bejn l-azzjoni mogħtija lill-kumpratur għall-inosservanza tal-kuntratt u l-azzjoni redibitorja sopraġġunta għall-ewwel azzjoni u għal dik tannullità, biex tikkolma l-lakuni mħollijin minn dawk iż-żewġ azzjonijiet l-oħra, u li indubbjament tiswa għat-tutela talbwona fede;

Illi, fuq il-pretensjoni l-oħra tal-konvenuti, illi l-attur ma għandux dritt għall-azzjoni in vista tal-garanzija pattwita, mingħajr dubju l-kontraenti għandhom il-fakoltà jimmodifikaw ir-regoli tad-dritt billi jestendu jew jillimitaw l-effetti tar-responsabilità. Inveru, diġa ġie aċċennat illi xejn ma jeskludi illi l-obligu tal-venditur li jipprovdi għar-riparazzjonijiet okkorrenti jiskaturixxi minn klawsoli poġġuti fil-kuntratt, kif similment xejn ma jimpedixxi li mill-kun-

tratt jidderiva l-obligu għall-venditur li jissostitwixxi, a rikjesta tal-kumpratur, il-ħaġa vizzjata jew difettuża b'oħra tal-istess speċi u kwalità; u ukoll li xejn ma jipprojbixxi, kif jikteb Pacifici Mazzoni, illi l-venditur jobliga ruħu jiggarantixxi vizzji li skond l-użu mhumiex redibitorji, jew kull speċi ta' vizzju, jew vizzji redibitorji li jattakkaw il-ħaġa fi żmien aktar twil, u li jassumi garanzija oħra. Il-limiti u t-termini tal-garanzija jistgħu, immela, jiġu amplijati u anki ristretti; imma, kif jgħid Vivante, il-ftehim għandu jkun ċar u żgur, għaliex għandu jidderoga għad-dritt komuni (*op. cit.*, IV, paġ. 186, 1667);

Dik il-garanzija fid-dottrina u fil-ġurisprudenza hija kunsidrata "guarantigia convenzionale estensiva" — l-espressjoni hija ta' Pacifici Mazzoni; u f'dan il-punt jiżdied li ma ġietx a propożitu ċitata mill-konvenuti s-sentenza tal-Kassazzjoni ta' Ruma dwar "la sostituzione della parte viziata"; u dan għaliex, meta wieħed jara sewwa dik is-sentenza, ċitata mit-Tartufari, u mhux minn Vivante, kif jingħad fin-nota tal-konvenuti, ma jistgħax ma jarax illi trattavasi f'dan il-każ ta' fatti ben diversi minn dawk li taw lok għall-kawża odjerna;

Illi, wara kollox, fil-każ preżenti t-tiswija rikjesta ma ssirx b'tiswija jew sostituzzjoni ta' xi parti jew partijiet rikonoxxuti difettużi, kif hija l-garanzija, imma bis-sostituzzjoni ta' kollox barra l-kaxxa, għaliex hekk tfisser is-sostituzzjoni tal-"Unit" li, skond il-perit, hija meħtieġa biex l-oġġett isir adatt għall-użu li għalieh hu destinat;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti.........;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuti appellanti, li talbu r-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dil-kawża huma miġjubin tajjeb fis-sentenza appellata, u ma hemmx għalfejn jiġu mtennija. F'dan l-istadju l-appellanti mhumiex jikkontestaw il-fatt li r-"refrigerator" in kwistjoni ma kienx jiffunzjona kif kellu jiffunzjona għall-użu li għalieh kien destinat, iżda jippretendu li huma obligati biss għall-garanzija li tinsab imfissra fid-dokument eżibit fil-fol. 6 tal-proċess, u li kien ġie kunsinnat lill-attur mar-refriġeratur fil-mument tal-konsenja;

Skond l-art. 1474 tal-Kodiċi Ċivili, l-appellanti kienu obligati jiggarantixxu l-ħaġa għad-difetti li ma jidhrux; u skond l-art. 1476 tal-istess Kodiċi, huma kellhom iwieġbu għal dawk id-difetti, ukoll jekk ma kienux jafu bihom; iżda setgħu wkoll jifthemu li ma jkunux obligati għal ebda garanzija, setgħu wkoll jillimitaw il-garanzija għal dak biss li jkunu jridu;

Iżda, biex ikun hemm limitazzjoni tal-garanzija legali, jeħtieġ li jkun hemm ftehim ċar li juri dik il-limitazzjoni li biha jkunu kuntenti ż-żewġ partijiet. Il-fatt li fuq id-dokument ikunu mniżżlin ċerti patti ta' garanzija, bħal fil-każ preżenti, ma hux biżżejjed, waħdu, biex jeskludi l-garanziji aktar ampji li tagħti l-liġi; għax jeħtieġ li ċ-ċirkustanzi tal-każ ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija għal dak biss li jkun espress fid-dokument b'esklużjoni tal-garanziji legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikunu inkonċiljabbli mal-garanzija legali. Din hija kwistjoni ta' fatti u apprezzament ta' provi, li għandha tarah il-Qorti;

Jgħid a propożitu Planiol-Ripert-Hamel:— "Il arrive très frequenment que le vendeur s'engage à assurer le bon fonctionnement de la chose vendu pendant un certain temps: cette clause est aujourd'hui de style dans le ventes de certains object ou machines de precision, en particulier dans le ventes de montres et chronometres. Le vendeur est

alors tenu d'executer à ses frais pendant le dèlai fixe toutes les reparations nécessaires et meme de remplácer la chose au cas ou aucune réparation ne pourrait assurer unbon fonctionnement. Peu import alors que le vice ait eté un vice cachè rentrant dans la definition des art. 1641 et 1642. Cette obligation se substitue-t-elle à la garantie legale? Ou bien est-elle soulement une augmentation de cette garantie? C'est là une question de fait que les tribunaux chercheront a résondre par une interpretation de la volonté, des parties: les plus souvant, ils sont portés a reconnaitre que cette garantie speciale est substituée convention vellement à la garantie du droit commun" (Traité Pratique de Droit Civil, Tome X, Contrats Civils, no. 140, p. 161);

Fil każ in kwistjoni, ebda ftehim ma kien hemm li l-garanzija kellha tkun limitata għal dak li hemm fid-dokument fuq imsemmi b'esklużjoni tal-garanzija legali. U tabilħaqq, bejn il-partijiet ma jirriżultax li sar xi diskors f'dak is-sens. Lanqas ma jirriżulta li l-konvenuti fissru x'kien hemm miktub; u d-dokument huwa miktub bil-franċiż, fil-waqt li bil-franċiż l-attur ma jifhemx. Għaldaqstant lanqas ma hu preżumibbli li bl-aċċettazzjoni ta' dak id-dokument l-attur taċitament akkonsenta għall-limitazzjoni tal-garanzija għal dak biss li jissemma f'dak id-dokument. U mbgħad dak id-dokument mhux inkonċiljabbli mal-garanzija legali; għax anzi, taħt ċerti rigwardi, ikabbar u jestendi l-effetti tal-garanzija legali. U tabilħaqq, dik il-garanzija legali tagħti lix-xerrej il-fakoltà li jitlob it-tiswija u s-sotituzzjoni tal-partijiet difettużi b'xejn, testendi ż-żmien legali tal-garanzija, u testendi ruħha għal kull xorta ta' vizzju, anki apparenti, u teskludi biss id-difetti fir-reżistenzi u fil-lampi elettriċi, u l-ħsarat ġejjin minn negliġenza u użu ħażin. Immela l-garanzija konvenzjonali hija addizzjonali għall-garanzija legali; u għalhekk ma teskludihiex;

Ikkunsidrat;

Illi bis-saħħa tal-garanzija legali l-attur mhux tenut

iżomm ħaġa msewwija, lanqas jekk bis-sostituzjoni tal-"unit" sive "aggrégat", ir-refriġeratur jiġi perfett; għax l-oġġett tal-bejgħ li ma nstabx tajjeb kien kompless individwali ieħor li hu mhux tenut iżomm, u li l-bejgħ tiegħu, skond il-liġi jista' fuq talba tax-xerrej jiġi xjolt;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; iżda tordna li t-terminu mogħti mill-Ewwel Qorti *jibda mil-lum.*